ŻABBAR
*Città Hompesch*

**Minuti tat-tminn laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's**

It-tminn laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's saret nhar il-Ħamis, 6 ta' Jannar, 2011. Il-laqgħa bdiet fis-6.00 ta' filgħaxija b'talba. Iċ-*Chairperson*, is-Sinjura Maria Elena Debattista, ippresediet il-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu ċ-*Chairperson* is-Sinjura Maria Elena Debattista, il-Viċi-*Chairperson* is-Sur Norman Clews, is-Sur Joseph Agius, is-Sur Mario Bartolo u s-Sur Luciano Farrugia.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tas-seba' laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Agius li ġiet issekondata mis-Sur Bartolo.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Dwar l-ittra li ntbgħatet lill-Onorevoli Dr Chris Said biex jintervjeni mad-Dipartiment tal-Artijiet, is-Sur Bartolo qal li kien ser jipprova jagħmel pressjoni biex tingħata risposta mid-Dipartiment tal-Artijiet fl-iqsar żmien possibli.

Is-Sur Agius tkellem dwar id-deċiżjoni tal-Kumitat Amministrattiv biex titwaħħal bozza ġdida fi Triq il-Marżebb. Hu ppropona li f'din it-triq jitwaħħlu żewġ bozoz minflok waħda; billi tinqala' bozza, li minħabba żvilupp riċenti f'bini issa ġiet fi proprjeta privata. Is-Sur Bartolo ssekonda l-proposta tas-Sur Agius u l-Kumitat qabel unanimament li titwaħħal bozza ġdida u tiġi spustjata l-bozza l-oħra.

Is-Sur Farrugia offra li jqassam l-ittri lir-residenti li joqgħodu f'dawk it-toroq fejn qed jiġi propost li jsiru *one way*.

Item 4 –Korrispondenza

Ma kienx hemm korrispondenza.

Item 5 – Affarijiet Oħra

Is-Sur Agius irrefera għall-arbli li hemm fi Triq in-Naħla ma' Triq San Leonardu u talab li dawn jitneħħew fl-iqsar żmien possibli. Huwa semma wkolll il-ħtieġa li jitkompla jitneħħa l-ħaxix li hemm fi Triq l-Għakrux.

Is-Sur Farrugia tkellem dwar it-terrapien li tħalla wara l-ħajt fi Triq San Leonardu mill-kumpanija Rock Cut fejn tħalla wkoll ċint miftuħ.

Is-Sur Bartolo semma l-bżonn li jittieħdu l-passi neċssarji biex ma jibqax jintefa' aktar żejt u ħmieġ fi Triq in-Naħla.

Huwa talab ukoll li titneħħa kurduna tal-bankina li tħalliet minn kuntrattur fi Triq Dun Salv Sciberras.

Is-Sinjura Debattista qalet li parti mill-bokka tal-ġibjun li nbena meta ngħatat it-tarmak Triq il-Farfett tal-Fejġel tħalliet miftuħa u tpoġġew *pallets* tal-injam fuq dan il-ġibjun.

Is-Sinjura Debattista talbet li jinqala' il-qasab minn triq dejqa li hemm fi Triq il-Farfett tal-Fejġel ma' Triq iż-Żarżarell u tiġi ppaċjata din it-trejqa minħabba ħofor li hemm fit-triq. Is-Sur Agius semma l-bżonn li terġa' titwaħħal in-*notice board* li kien hemm fi Triq San Leonardu kif ukoll li tiġi ppaċjata Triq il-Werżieq.

Is-Sur Farrugia semma l-ħtieġa li tintbgħat ittra lir-residenti ta' Triq is-Sebellika biex ma joħorġux skart fil-kantuniera tat-triq.

Is-Sur Farrugia semma l-ħtieġa li tiġi rranġata bankina li tkissret riċentament fi Triq l-Għakrux u li jittella' ħajt madwar plot li hemm fi Triq in-Naħla.

Is-Segretarju nforma lill-Kumitat li għalkemm fl-allokazzjoni tal-Kunsill għas-sena 2011 ma kienx hemm referenza diretta għall-allokazzjoni tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's, il-Kumitat kien talab kjarifika mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u ngħata l-parir li jżomm l-istess allokazzjoni tas-sena l-oħra jiġifieri €62,227.

Il-Kumitat iddiskuta l-abbozz ta' estimi annwali għas-sena 2011 u fuq proposta tas-Sur Clews li ġiet issekondata mis-Sur Farrugia qabel unanimament li wara li jiġu allokati l-ammonti *ring-fenced* għal kull kuntratt u tinqata' l-ispiża rikorrenti, il-Kumitat jalloka l-kumplament tal-flus għall-proġett ta' post ta' rikrejazzjoni fi Triq l-Għakrux.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.15 ta' filgħaxija.

Maria Elena Debattista
Chairperson

Dawn il-minuti ġew approvati fid-disa’ laqgħa li saret nhar l-Erbgħa, 2 ta’ Frar, 2011.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv